Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TAT- TNEJN u ERBGĦIN LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** L-Erbgħa, 14 ta' Mejju 2014

**Ħin:** Mill-5.30pm sas- 7.25pm

**Preżenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt
Is-Sur Guido Borg
Is- Sur Andrew Zammit Montebello

**1. Approvazzjoni tal-Minuti**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tal-Erbgħin laqgħa ta' nhar l-Erbgħa 22 ta' April 2014. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Stephen Gatt, li kien issekondat mill-Kunsillier Guido Borg. Il-minuti kienu approvati unanimament. Il-Viċi Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. Mill-Minuti**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li giet sottomessa oġġezzjoni mal-Bord tal-Appelli fir-rigward tat-tender S.L. 1/14- *Light fittings and luminaires in various streets in Ħal Balzan.*

**3. Laqgħa mal-Perit tal-Kunsill**

Il-perit tal-Kunsill, is-Sur Etienne Magri l-ewwel li tkellem fuq it-talba li saret mill-perit Tancred Mizzi għan-nom ta' I & C Management Ltd biex jiġi sorġut tower crane fi triq il-Ferrovija l-Qadima fejn saret site inspection u jidher li fejn ser jiġi sorġut il-krejn ma hemmx wisa' biżżejjed biex tkun two way lane. Il-wisa' kienet ser tkun biss 4.1 metri u hija importanti li din titwessa b'metru ieħor.

Għalhekk il-Kunsill iddeċieda li joħroġ biss permess ta' tower krejn jekk il-karreġġiata tkun izjed minn 4.1 metri u magħha jridu jiġu sottomessi l-compliance certificate tal-krejn kif ukoll safety assessment report minn enġinier kwalifikat għas-sodisfazzjon tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara eżiġa li jkun hemm moniteraġġ kontinwu tax-xogħolijiet li jkun għaddejjin fuq dan is-sit biex jiġu mħarsa l-interessi tar-residenti f'dik it-triq. Ta' sikwit qed jara makkinarju ta'kostruzzjoni f'din il-lokalita' li mhumiex koperti b'permess.

Is-Segretarju eżekuttiv poġġa fuq il-mejda għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill fejn waqt din is-seduta l-perit Magri ta l-ispjegazzjoni tiegħu tar-rapporti fuq traffic management fi Triq Sisner u l-area ta' ħdejn l-infetti.

Wara li ġew ssuġġeriti xi emendi mill-Kunsilliera, il-Kunsill iddeċieda li dawn ir-rapporti jintbagħtu għal-kunsiderazzjoni ta' Transport Malta u wara ssir xi tip ta' konsultazzjoni mal-pubbliku f'dan ir-rigward.

Il-perit Magri fakkar lill-Kunsill fuq il-pjanti proposti li kien saru rigward l-embellishment ta' Triq it-Tlett Knejjes bil-kollaborazzjoni tal-Malta Tourism Authority fejn hemm il-possibilita' li f'kaz li jkunu interessati jingħataw il-fondi meħtieġa. Huwa kien qed jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill biex tiġi sottomessa applikazzjoni mal-MTA.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara staqsa, f'kaz li dan isir, kemm ser iddum magħluqa t-triq sakemm jitlesta' l-proġett għax jekk id-dewmien ikun aktar milli pprogrammat bħal ma ġara fil-pjazza, ikun aħjar jekk ma jsir xejn.

Is-Sindku John Zammit Montebello wieġeb li l-Kunsillier Desmond Zammit Marmara suppost li jaf bizzejjed li fir-rigward tax-xogħolijiet fil-pjazza inqalgħu ċirkostanzi li ma kellniex kontroll fuqhom fosthom il-mains il-kbar tal-ilma li riedu jinbidlu, ix-xelter li nstab fil-pjazza, ġibjun tal-ilma li ried jiġi restawrat, għargħar fix-xitwa u l-elezzjoni ġenerali.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara staqsa lill-perit Magri kemm ser idumu dawn ix-xogħolijiet għax hemmhekk ser inħarbtu n-negozju li hemm fl-inħawi. Irridu naraw x'impatt ser iħalli fuq il-lokalita' dan it-tip ta' proġett. Il-perit wieġeb li dan ix-xogħol jieħu bejn wieħed u ieħor bejn xahrejn u tlett xhur.

Is-Sindku John Zammit Montebello rrimarka li l-ewwel irridu naraw jekk l-MTA humiex interessati jew hemm fondi bizzejjed għal dan il-proġett. Jekk ma jkun hemm xejn minn dan, il-proġett ma jsirx.

L-aħħar suġġett li ġie diskuss mal-perit Magri kienet il-ħruġ ta' *Expression of Interest* biex jinstab post alternattiv għall-Kunsill fejn iddeċieda li l-perit għandu jlesti l-parametri tekniċi ta' din is-sejħa skont l-esiġenzi rikjesti u wara jitqabbad l-avukat tal-Kunsill biex iħejji f'termni legali din l-*expression of interest*.

## 4 Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta' petty cash

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tal-14 ta' Mejju 2014 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 9,855.50

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Stephen Gatt li kien issekondat mill-Kunsillier Guido Borg. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

## 5 Korrispondenza u Ilmenti

**Ittra Nru 3933:** Żewġ talbiet mingħand is-Sur Reuben Andre' Degabriele f'isem il-parroċċa u bħala kumitat tal-Festa rispettivament fejn ser jorganizzaw Festa Familja, l-Ġimgħa 30 ta' Mejju fi Triq il-Paguni u qed jitolbu li tingħalaq it-triq għal din l-okkażjoni kif ukoll li dakinhar tal-festa titulari jiġu mċaqalqa l-gabbani fi Triq Ġuże Bonnici biex tgħaddi l-banda.

Fil-kaz tal-Festa Familja, il-Kunsill iddeċieda li għandhom jinġiebu l-firem tar-residenti ta’ dik it-triq qabel joħroġ permess.

Fir-rigward tal-gabbani li jarmaw fil-festa, is-Sindku wera d-dispjaċir tiegħu li bħala Kunsill ma ġejnix mistiedna għal din il-laqgha u ttieħdet deċizjoni mingħajr ma ġejna kkonsultati qabel. Huwa talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex jagħmel referenza għall-Avviz Legali 119/02 biex ngħarfu nimxu. Is-Sindku saħaq li qabel jittieħdu ċerti deċizjonijiet li jaffettwaw l-operat tal-Kunsill, rapprezentant mill-Kunsill għandu jkun preżenti għal dawn it-tip ta’ laqgħat.

**Ittra Nru 3937:** Emejl mingħand il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara fir-rigward tal-abbuzi li qed isiru ta’ kuljum minn xi ġenituri ta’ tfal li jattendu l-Iskola Primarja tal-Kulleġġ San Alwigi.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara qal li hija totalment inaċċettabbli din il-problema fejn qed isir parking fejn mhux permess u waqfien ta’ karozzi f’nofs ta’ triq għad-detriment ta’ sewwieqa oħra. Dan qed ikun ta’ inkonvenjent kbir għar-residenti Balzanin li jgħixu f’dawn l-inħawi. Huwa qal li din il-problema kien qajjimha ħafna żmien ilu pero’ jidher li baqgħet ma nstabitx soluzzjoni għaliha. Għalhekk, qiegħed jitlob li l-Kunsill jagħmel dak kollu possibbli biex dawn l-abbuzi jinqatgħu darba għal dejjem u tiġi infurzata l-liġi.

Is-Sindku John Zammit Montebello qal li dan huwa nuqqas ta’ rispett lejn ir-residenti meta’ jsiru dawn it-tip ta’ abbuzi. Il-problema ta’ infurzar hi li l-pulizija joqgħodu għassa biss quddiem l-iskejjel tal-Gvern u f’dan ir-rigward waqt il-laqgħa li ser ikollu l-Kunsill mas-Supretendent tad-Distrett Sharon Tanti ser titqajjem din il-kwistjoni fejn il-Kunsill inqabad f’sitwazzjoni li għax hija skola privata ma jintbagħtux pulizija. Għalhekk meta jkun hemm bżonn ta’ infurzar ma nsibu ebda pulizija kif ukoll gwardjani lokali bizzejjed biex jagħmlu dan għax huma assenjati mal-Kumitat Reġjonali Ċentru u jridu jkopru iżjed minn lokalita’ waħda fiz-zona ċentru tal-pajjiz.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara qal li jrid ikun il-Kunsill li jagħmel pressjoni ma’ l-awtoritajiet konċernati biex jinfurzaw għax qatt ma ttieħdet azzjoni.

Il-Viċi Sindku Joe Galea wieġeb li ma kienx korrett fuq dak li qed jgħid għax ġieli huwa personalment kien imur jirraporta mal-pulizija meta l-għassa kienet tkun miftuħa għaliex issa għandna problema oħra fil-lokalita’ li l-għassa qed tkun magħluqa.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara’ qal li jekk hemm bzonn ir-rapporti jsiru l-Għassa ta’ Birkirkara u ssir pressjoni kontinwa biex isir l-infurzar forsi xi darba dawn in-nies jitgħallmu.

**Ittra Nru 3943:** MEMO 13/2014 - Kwistjonarju - Training Needs Analysis. Il-Kunsilliera u staff tal-Kunsill intalbu jimlew kwistjonarju fir-rigward tat-tnedija tal-proġett “A Partnership for creative Governance”.

Dwar ilmenti li rċieva l-Kunsill f’dan il-perjodu l-Kunsill ġie nfurmat illi dawn ġew konsiderati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjoni ta’ kull min ikun ippreżenta l-ilment.

## *6* <u>Komunikazzjoni tas-Sindku</u>

Is-Sindku John Zammit Montebello talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex jikteb ittra ta’ apologija lis-Segretarju Parlamentari Aguis Decelis u lill-Membru Parlamentari Charlo Bonnici li minħabba diżgwid fl-għazla tal-kandidati tas-seba’ distrett flok tal-ħdax il-distrett ma ġewx mistiedna għall-ftuħ tal-proġett tal-pjazza.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara semma li l-pubbliku in ġenerali ma kienx infurmat b’din l-attivita u huwa ta’ għajb għall-Kunsill.

Is-Sindku Dr. Zammit Montebello wieġeb li l-iskop ta’ din l-attivita’ kienet l-inawgurazzjoni tal-ftuħ tal-pjazza u mhux attvita’ tal-massa fejn ġew mistiedna biss il-President ta’ Malta, Segretarji Parlamentari u Ministri, Membri Parlamentari u MEP’s miż-żewġ naħat kif ukoll presidenti u segretarji tal-għaqdiet u NGO’s ġewwa Ħal Balzan biss.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara qal li ma jistax ikun li ċertu affarijiet li jsiru mill-Kunsill, ikun hemm biss konsultazzjoni bejn is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv. Fl-ebda ħin ma kien infurmat fuq x’ser jiġri u fiex kienet ser tikkonsisti din l-attivita’.

Is-Sindku John Zammit Montebello wieġeb li din l-attivita’ tifforma parti mill-Grant Agreement li ġie ffirmat bejn il-Managing Authority tal-Planning and Priorities Coordination Department u John Zammit Montebello u Mark Mallia bħala Sindku u s-segretarju eżekuttiv tal-Kunsill ta’ Ħal Balzan. L-organizzazzjoni fit-twettiq ta’ dan il-proġett inkluż il-ftuħ tal-pjazza kienet dejjem ikkoordinata bejn dawn iż-żewġ persuni u jidhirlu li l-Kunsill dejjem ġie infurmat b’dak kollu li kien qed jiġri fuq dan il-proġett.

Is-Sindku John Zammit Montebello tkellem fuq il-laqgħa li kellu ma’ l-avukat tal-Kunsill fejn ġiet mitluba biex tipprepara il-kuntratt li għandu jsir ma’ Dimbros Ltd biex la darba jiġi ffirmat jkunu jistgħu jibdew il-preparamenti biex issir ir-rikostruzzjoni u asfaltar tal-kumplament ta’ Triq Guze Bonnici u Triq l-Għerusija.

## 7 Suġġerimenti u Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

Ma kien hemm ebda komunikazzjoni mill-Kunsilliera

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa, 4 ta’Ġunju 2014 fil-5.30pm.

**Dr. J. Zammit Montebello**
Sindku

**Mark Mallia**
Segretarju Ezekuttiv

Data